MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 1673/2000/1

**Michael Cassar de Sain**

**Vs**

**Carmel sive Charles u martu Marija Dolores Mizzewgin Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundanati li jhallsu s-somma ta' sitt mija, tmienja u erbghin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm648.81) kwantu ghal hamsa u erbghin lira (Lm45) bhala lawdemju. Wara t-trasferiment tal-porzjon art maghrufa Tal-Pastokk sive Tat-Tizan, b'kuntratt datat 29 ta' Ottubru 1985 in atti Nutar Dottor Angelo Vella, minn Saviour Fenech noe lill-intimati u kwantu ghal sitt mija u tlett liri u wiehed u tmenin centezmu (Lm603.81) arretrati ta' cens bir-rata ta' Lm 45

fis-sena – gravanti l-istess artr mis-16 ta’ Ottubru 1985 sal-4 ta’ Frar 1999 (tlettax (13)-il sena u mija u hdax-il jum (111) meta huma ghaddew biex jifdu tali cens ghalkemm qatt ma kienu rikonoxxuti u lanqas hallasu dawn l-arretrati.

Bl-ispejjez kollha komprzi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta’ Marzu 1999, tal-Ittri Ufficajli tad-29 ta’ Novembru 1999 u 24 ta’ Jannar 2000, u bl-imghax mid-29 ta’ Novembru 1999 sad-data tal-ewwel Ittra Ufficjali.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (a fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett :-

Fl-ewwel lok, illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Illi l-ammont mitlub mill-attur bhala cens ghal-ahhar hames snin gie fil-fatt saldat peress illi l-ammont in kwistjoni gie ddepozitat mill-konvenuti taht l-awtorita’ tal-Qorti;

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-ewwel <u>eccezzjoni preliminari</u> in ezami, kif bazata fuq l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili, dan jidher li, fil-fatt, jirreferi ghall-preskrizzjoni tal-azzjonijiet bit-trepass ta’ hames (5) snin f’kaz ta’ dawk in rigward il-pagament ta’ cens dovut anwalment “…… and for the fines due upon …… other alteration of emphyteutical tenants” (ara s-subinciz (a)).

Illi ma hemm ebda dubbju illi dan l-artikolu hu applikabbli f’dan il-kaz meta tigi kkunsidrata il-materja in ezami kif multanti mill-avviz.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi prodotti (ara wkoll fol 13 tal-atti) jirrizulta illi b’att pubblikat tal-31 ta’ Mejju 1979, (fol 20 ibid) l-art kienet giet trasferita, b’kompravenditta’, mill-attur, ma persuni ohra, lil certu Victor Aquilina u dan kif sospetta ghall-hlas ta’ cens anwu u perpetwu ta’ fol 45 pagabbli b’lura kif ukoll ghall-hlas ta’ awdenju f’kaz ta’ trasferiment u taht penali, kif hemm specifikata, f’kaz li jkun hemm nuqqas ta’ notifika ta’ tali trasferiment (ara fol 21 ibid).

Illi permezz ta’ att pubbliku li sar fid-29 ta’ Ottubru 1985 ossia dak imsemmi fl-istess avviz (ara fol 24 ibid) jidher li l-konvenut kien akkwista l-istess art, b’kompravenditta. Illi Dottor Renzo Porsella Flores (fol 14 u fol 30 ibid) bhala amminstratur tal-bini hemm indikati, xehed illi l-konvenut kien ipprezenta cedola ta’ fidi ta’ cens (ara fol 18 ibid) dejjem in rigward l-art in kwistjoni u wara diversi ricerki u verifiki, kien irnexxielu jiskopri min kien il-konvenut Carmel Zammit  u min kien qed jagixxi fl-interess ta’ dawn. Dan kien informa lix-xhud testwalment, “……. verament ma kienx hallas ic-cens, peress li jiena (ix-xhud) qatt ma kont accetajt il-hlas”. Hawnhekk ix-xhud kien staqsa jekk,minhabba dan il-fatt, kienx sar depozitu tac-cens allegatament offrut fir-Registru tal-Qorti minhabbba nuqqas ta’ accetazzjoni ta’ hlas de parti tal-istess xhud. Difatti ghaxart ijiem wara, l-istess Lino Grech kien informa lix-xhud illi kien sar id-depozitu. Difatti giet esebita kopja ta’ din ic-cedola (fol 19 ibid) minn fejn jidher li l-konvenut kkien iddepozita hames snin cens biss ghal perjodu mill-15 ta’ Awissu 1995 sal-15 ta’ Awissu 1999.

Ikkunsidrat

Illi, skond l-avviz in ezami l-attur jikkontendi li hu dovut mill-konvenut ic-cens ghall-perjodu specifikat fl-avviz oltre lawdemju hemm imsemmi. Da parti tieghu l-konvenut jsostni l-applikabilita tal-artikolu in ezami u b’hekk hu

dovut, biss, l-ammont ta’ cens specifikat fic-cedola ta’ depozitu a fol 19 tal-atti ossia Lm220.00 korretament Lm225.

Illi, oltre dak li gie premess, jidher ukoll mill-istess avviz illi l-perjodu ta’ preskrizzjoni kien gie <u>interrot</u> biz-zewg ittri ufficjali hemm imsemmija bl-ewwel wahda prezentata fid-29 ta’ Novembru 1999.

Illi, ghalhekk, il-preskrissjoni giet interrot permezz ta’ cedola ta’ fidi ta’ Cens prezentata fl-4 ta’ Frar 1999 u, ftit wara, mill-imsemmija ittra ufficjali oltre minn dak rrizultanti mill-inkontru bejn Lino Grech u Dr Renzo Porsella Flores.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, l-eccezzjoni in ezami ghandha tigi akkolta “in parte” billi tigi applikata ghall-ammont mitlub bhala lawdemju u ghall-iskadenza dovuti mis-16 ta’ Ottubru 1985 sas-16 ta’ Ottubru 1993 b’lura waqt li tista’ titkompla in rigward l-istess cens dovut ghall-ahhar hames snin u in rigward parti minnu sakemm dan gie mifdi, b’kollox Lm263.81.

Gal dawn il-motivi l-Qorti, waqt li tiddikjara l-azzjoni preskritta “in parte” u dan inkwantu ghall-ammont ta’ Lm385 u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghal dan l-ammont tordna li din il-kawza titkompla fuq il-meritu in konnessjoni mal-bilanc ta’ Lm263.81, wara li tigi kkunsidrata t-tieni eccezzjoni kif sottomessa mill-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------